

Brussell, 16 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11760/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0228(COD)

CODEC 1208
UK 202
TRANS 541
PE 92

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2222 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-infrastruttura transfruntiera li tgħaqqad l-Unjoni mar-Renju Unit permezz taċ-Channel Fixed Link - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-13 sas-16 ta' Settembru 2021)

I. INTRODUZZJONI

Saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

Wara li l-plenarja approvat it-talba tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) biex jipproċedi skont ir-Regola 163 (proċedura urġenti) fit-13 ta' Settembru 2021, il-Kumitat TRAN ippreżenta test emendat tal-proposta msemmija hawn fuq li jikkorrispondi, wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, għat-test fl-anness tal-ittra, tal-1 ta' Settembru 2021, mill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti lill-President tal-Kumitat TRAN.

II. VOT

Meta vvotat fil-15 ta' Settembru 2021, il-plenarja adottat bi proċedura ta' vot uniku l-pożizzjoni tal-PE fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni li tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness għal dan id-dokument¹.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2021)0371

Estensjoni tal-perjodu tal-validità ta' ċertifikati u l-liċenzji tas-sikurezza tal-impriżi ferrovjarji li joperaw fiċ-Channel Fixed Link *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2222 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-infrastruttura transfruntiera li tgħaqqad l-Unjoni mar-Renju Unit fiċ-Channel Fixed Link (COM(2021)0402 – C9-0314/2021 – 2021/0228(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0402),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0314/2021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-1 ta' Settembru 2021 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2021)0228

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Settembru 2021 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2222 biex jestendi l-perjodu tal-validità taċ-ċertifikati u l-liċenzji tas-sikurezza tal-impriżi ferrovjarji li joperaw fiċ-Channel Fixed Link

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL- PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2021.

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata konnettività bejn l-Unjoni u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-"Renju Unit") wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika³, kif ukoll il-kontinwità tal-operazzjonijiet tal-impriżi ferrovjarji stabbiliti u liċenzjati mir-Renju Unit li joperaw fiċ-Channel Fixed Link, ir-Regolament (UE) 2020/2222 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ estenda sat-30 ta' Settembru 2021 il-perjodu ta' validità tal-liċenzji maħruġa mir-Renju Unit skont id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ lill-impriżi ferrovjarji stabbiliti fit-territorju tiegħu, kif ukoll dak taċ-ċertifikati ta' sikurezza maħruġa f'dawk l-impriżi skont id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ mill-Kummissjoni Intergovernattiva stabbilita skont l-Artikolu 10 tat-Trattat bejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u r-Repubblika Franċiża dwar il-bini u t-tħaddim minn konċessjonarji privati taċ-Channel fixed link, iffirmat f'Canterbury fit-12 ta' Frar 1986 (it-"Trattat ta' Canterbury").

³ Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2020/2222 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 dwar ċerti aspetti ta' sikurezza u konnettività rigward l-infrastruttura ferrovjarja fir-rigward tal-infrastruttura transfruntiera li tgħaqqad l-Unjoni mar-Renju Unit permezz taċ-Channel Fixed Link (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 43).

⁵ Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

⁶ Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzji tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Direttiva dwar is-Sikurezza Ferrovjarja) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

- (2) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/1531 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ tagħti s-setgħa lil Franza u lir-Renju Unit biex jikkonkludu ftehim internazzjonali li jissupplimenta t-Trattat ta' Canterbury fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja fiċ-Channel Fixed Link. Madankollu, dak il-ftehim għadu ma ġiex konkluż u lanqas mhu probabbli li jiġi konkluż dalwaqt.
- (3) F'dawk iċ-ċirkostanzi, Franza qed tinnegozja mar-Renju Unit ftehim transkonfinali skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2012/34/UE dwar iċ-ċertifikati tas-sikurezza. Franza diġà nnegozjat ftehim bħal dan rigward il-liċenzji tal-impriżi ferrovjarji, kif innotifikat lill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2021 u kif awtorizzat mill-Kummissjoni fl-20 ta' Awwissu 2021. Il-proċeduri interni meħtieġa skont il-liġijiet ta' Franza u tar-Renju Unit għall-applikazzjoni proviżorja jew għad-dħul fis-seħħ ta' dawk il-ftehimiet huma mistennija li jieħdu sitt xhur biex jitlestew wara l-iskadenza tal-miżuri previsti fir-Regolament (UE) 2020/2222, fit-30 ta' Settembru 2021.

⁷ Id-Deċiżjoni (UE) 2020/1531 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2020 li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi ftehim internazzjonali li jissupplimenta t-Trattat bejn Franza u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-bini u t-tħaddim minn konċessjonarji privati ta' Channel Fixed Link (ĠU L 352, 22.10.2020, p. 4).

- (4) Sakemm il-perjodu ta' validità tal-liċenzji u taċ-ċertifikati tas-sikurezza jgħix estiż sabiex il-ftehim transkonfinali dwar iċ-ċertifikati tas-sikurezza jkun jista' jiġi nnegożjat, soġġett għall-valutazzjoni li trid issir u d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni li li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2012/34/UE, u sabiex il-ftehim transkonfinali dwar iċ-ċertifikati tas-sikurezza u l-ftehim transkonfinali dwar il-liċenzji jiġu appliki jew konklużi b'mod proviżorju, l-operazzjonijiet tal-impriżi ferrovjarji kkonċernati fiċ-Channel Fixed Link ser jieqfu fit-30 ta' Settembru 2021. Dan jikkawża tfixkil sinifikanti fit-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.
- (5) Għalhekk huwa fl-interess tal-Unjoni li testendi l-perjodu tal-validità ta' dawg iċ-ċertifikati u l-liċenzji sal-31 ta' Marzu 2022 billi temenda r-Regolament (UE) 2020/2222.
- (6) Minħabba l-urġenza li tirriżulta mill-iskadenza tal-miżuri previsti fir-Regolament (UE) 2020/2222, huwa xieraq li ssir eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

- (7) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jestendi l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati ta' sikurezza u l-liċenzji ta' impriżi ferrovjarji li joperaw fiċ-Channel Fixed Link lil hinn mit-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.
- (8) Sabiex il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod immedjat, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b' urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2020/2222 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. Iċ-ċertifikati tas-sikurezza msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2) għandhom jibqgħu validi għal ħmistax-il xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. Il-liċenzji msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2) għandhom jibqgħu validi għal ħmistax-il xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.";

(2) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Dan ir-Regolament għandu jieqaf japplika fil-31 ta' Marzu 2022.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
